SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA**

**30 ta' Novembru, 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fl-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera Violet Bajada u Marica Bayliss.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex inżammet minuta silenzju b'tifkira ta' omm il-Kunsillier Violet Bajada.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

**7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

7.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 6 tat-30 ta' Ottubru, 2009.

7.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

7.1.3 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 6.10.13 minflok il-kelma "ressaq" għandha tidħol il-kelma "resqet"".*

7.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

7.1.5 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

7.1.6 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 6 (30 ta' Ottubru, 2009) kif emendati."*

7.1.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

7.1.8 Dwar minuta 6.7.11 kien innutat li minħabba l-maltemp, il-konferenza għall-istampa kienet saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, fejn kien ġie ffirmat il-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-*GreenMt*, filwaqt li l-Ministru George Pullicino kien preżenti ukoll għal din il-konferenza.

7.1.9 Dwar minuta 6.1.8, il-Kunsill ġie nfurmat li l-ixkaffar tal-librerija ser jitqiegħed fil-jiem li ġejjin.

7.1.10 Rigward minuta 6.1.9, il-Kunsill kien infurmat li kien hemm rispons tajjeb mingħand ir-residenti li rċevew notifika sabiex jiżbru s-siġar.

7.1.11 Dwar minuta 6.7.2 saret diskussjoni rigward l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għal ambjent sostenibbli, fejn kien hemm qbil li t-tliet *bring-in sites* tal-*Wasteserv* jiġu mibdula ma' ta' l-Iskema *Green Mt* u tkompli s-sostituzzjoni ta' l-*iskips* ta' skart imħallat ma' dawk tas-separazzjoni tal-iskart kif ukoll li l-iskart bieb b'bieb jista' jibda jinġabar mit-2 ta' Jannar, 2010.

7.1.12 Dwar minuta 6.9.3 il-Kunsill kien infurmat li ma reġax irċieva lmenti rigward *bulky refuse* fi Triq Bellavista taħt Pjazza Ħawħa.

7.1.13 F'dan l-istadju l-Kunsill kien infurmat li mis-sena d-dieħla il-*Green Mt* se tiġi tintroduċi sistema ta' *mobile cctv* sabiex jiġu kkontrollati l-abbużi fejn is-siti tas-separazzjoni tal-iskart

7.1.14 Dwar minuta 6.10.8, il-Kunsill kien infurmat li l-bankina f'Misraħ Lewża li kienet saret sena ilu, għandha bżonn manutenzjoni peress li ma kinitx saret sewwa u kien hemm qbil li din tingħata prijorita'.

7.1.15 Rigward minuta 6.1.24, il-Kunsill kien infurmat li l-mera tat-traffiku ta' Triq il-Virdun kienet twaħħlet.

7.1.16 Dwar minuta 6.10.11, il-Kunsill ġie nfurmat li wara infurzar mill-Pulizija, l-*bollards* fis-*service road* ta' Triq tal-Balal kienu tneħħew.

7.1.17 Dwar minuta 6.1.18, il-Kunsill kien infurmat li ser isir tentattiv ieħor sabiex jiġi kkonfermat li l-*floodlight* li jdawwal il-*Cart Ruts* **"~~jinsab~~" "terġa tmur"** fil-post oriġinali tiegħu.

***Emendata Laqgħa 8***

7.1.18 Dwar minuta 6.1.20, il-Kunsill kien infurmat li għadu ma rċeviex risposta mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward verifikazjoni ta' aċċess minn residenzi privati għal fuq il-*Cart Ruts*.

7.1.19 Dwar minuta 6.10.2, il-Kunsill ġie nfurmat li għadu ma rċeviex ittra uffiċjali għat-talba sabiex tiġi użata s-sala jew il-bitħa ta' l-iskola għal attivita' mingħand x'individwi.

7.1.20 Sar *recess* mit-8.16 sa 8.23 ta' filgħaxija.

## 7.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

7.2.1 Dwar l-Iskema Inizjattivi għall-Attivitajiet, il-Kunsill ġie notifikat li s-somma li ngħatat kienet ta' €3,500, u għalhekk mhux se jkun hemm fondi biżżejjed sabiex issiru l-attivitajiet kollha li l-Kunsill kellu pjanat.

7.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għalkemm dan hu pass pożittiv għall-fatt li ser ikun qed jagħmel parti minn dan il-kalendarju għall-ewwel darba, irid isiru estimi mill-ġdid għan-nefqa relatata.

7.2.3 Il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa fid-8.50 ta' filgħaxija.

7.2.4 Il-Kunsill ġie nfurmat bir-Rapporti ta' Effiċjenza fuq il-lokalita' ta' San Ġwann, fejn kien innotat li filwaqt li kien hemm punti sodisfaċenti fuq il-maġġoranza ta' xogħlijiet, ingħatat marka baxxa fir-rigward ta' knis u qtugħ ta' ħaxix, fejn kien hemm qbil li jitħejja rapport mill-*Contracts' Manager*.

7.2.5 Il-Kunsill kien infurmat li jistgħu jiġu nominati żgħażagħ għall-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, li qed jiġi organiżżat mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

7.2.6 Il-Kunsill ġie nfurmat b'Memo 76/2009 rigward il-ħaddiema ta' l-*IPSL* dwar il-ħinijiet ta' l-impjieg ta' dawn il-ħaddiema.

7.2.7 Rigward l-iskema 'Kompjuters Rikondizzjonati għal Kunsilli Lokali', li ġiet imnehdija mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjonijiet, il-Kunsill qabel li japplika sa massimu ta' ħames kompjuters sabiex jiġu użati mill-komunita'.

7.2.8 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'inizjattiva mnehdija minn *HSBC*, *Maltapost* u *TCTC Ltd.*, fejn San Ġwann kien magħżul fost tnax-il lokalitajiet sabiex joffri taħriġ b'xejn lil komunita' kummerċjali.

7.2.9 Il-Kunsill ġie nfurmat li ntalab jagħti l-kummenti tiegħu lill-MEPA dwar in-*National Flood Relief Project*.

7.2.10 Rigward l-iskema Fondi għall-Proġetti Speċjali, li l-Kunsill kien applika, il-Membri ġew infurmati li l-Kunsill intgħażel sabiex jingħata l-għajnuna finanzjarja biex isir rijabilitazzjoni ta' Misraħ Lewża.

**7.3 Implimentazzjoni tal-proġett *Energy Saving* (Ko-finanzjat mill-Gvern Ċentrali)**

7.3.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li għall-proġett li kien applika għall-iskema *Energy Saving*, kien magħżul li jingħata s-somma ta' €10,000 liema kopja tal-proġett propost kienet mgħoddija lil Membri u anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "7A".

7.3.2 Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ is-sejħa għall-offerta tas-sistema ta' pannelli voltajiċi, il-*converter* ta' l-enerġija solari kif ukoll il-bdil tad-dwal ta' l-uffiċċju għal dawk ta' enerġija effiċjenti sabiex jiġi mplimentat dan il-proġett.

**7.4 Aġġornament għall-Attivitajiet għal żmien il-Milied**

7.4.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bil-programm emendat ta' l-attivitajiet tal-Milied b'risq il-*Malta Community Chest Fund* li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "7B".

7.4.2 Il-Kunsill kien mgħarraf li għal kull donazzjoni li ser tingħata ser tinħareġ riċevuta uffiċjali, u li ssir rikonċiljazzjoni tal-fondi.

7.4.3 Wara diskussjoni li saret rigward id-dawl tal-Milied fi Triq in-Naxxar, il-Kunsill kien ippreżentat bi tliet kwotazzjonijiet sabiex jintrama' u jiżżarma d-dawl tal-Milied.

7.4.4 Il-Kunsillier Joan Farrugia resqet din il-mozzjoni:

7.4.5 *"Il-Kunsill japprova l-programm kif emendat kif ukoll il-kwotazzjoni tan-Nexos Lighting & Vision għal ammont ta' €2,022.04 peress li l-iktar waħda vantaġġjuża, filwaqt li jaqbel illi il-konsum tad-dawl jitħallas mis-sidien tal-ħwienet ta' Triq in-Naxxar u fl-eventwalita' li dan ma jseħħx, ma jsir l-ebda armar."*

7.4.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

**7.5 Aġġornament dwar il-gazetta tal-Kunsill.**

7.5.1 Il-Kunsill kien mgħarraf li peress li kien hemm rispons tajjeb għar-riklamar fil-gazetta, l-istampar tagħha se jkun bil-kulur u mhux *black and white*, fejn l-ispiża ser titla' għal €1,768.20 u €315 għal suppliment ta' riklam.

7.5.2 Kien ippreżentat rendikont tad-dħul mir-riklamar li hu stmat li jlaħħaq għal €2,187 u l-ispejjeż jammontaw għal €2,149.

7.5.3 Ġie nnotat li dan jgħodd biss għal din il-pubblikazzjoni u li trid issir reviżjoni għal ħarġa li jmiss.

7.5.4 Il-Membri kienu nfurmati li l-gazetta se titqassam sa nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru, 2009.

7.5.5 Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ din il-ħarġa bir-rendikont kif ippreżentat għal din id-darba, filwaqt li l-Bord Editorjali jsib alternattivi għal ħarġiet li jmiss sabiex ma jkunx hemm piż finanzjarju fuq il-fondi tal-Kunsill.

**7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Minuti Sotto Kumitat Kultura u *Heritage***

7.6.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti numru 1 tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat Kultura u *Heritage* u li kopja tagħhom kienet mgħodijja lil Membri u hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "7Ċ".

7.6.2 Il-Kunsill kien infurmat illi mhux ser issir iċ-*Church Parade* fid-19 ta' Diċembru, 2009, iżda minflok ser isir *carol singing* madwar il-lokalita'.

7.6.3 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

7.6.4 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 1 tas-Sotto Kumitat Kultura u Heritage kif imressqa."*

7.6.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u għaddiet unanimament.

**7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts' Manager***

7.7.1 Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti tal-*Contracts' Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn is-26 t'Ottubru, 2009 u l-15 ta' Novembru, 2009, u li kopja tagħhom huma anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "7D" sa "7F".

7.7.2 Rigward boroż ta' l-iskart li kienu qed jitpoġġew fejn *litterbin* mill-istabbiliment *Maze*, il-Kunsill kien mgħarraf li kienu ġew infurmati il-Pulizija dwar dan.

7.7.3 Rigward kaktus li qiegħed ta' periklu fi Vjal ir-Rihan fejn il-*Once Upon a Time*, il-Kunsill qabel li l-*Contracts' Manager* jagħmel l-arranġamenti sabiex din titneħħa.

7.7.4 Saret diskussjoni rigward it-talba biex jitqiegħed bank fi Triq Feliċ Borg.

7.7.5 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

7.7.6 *"Il-Kunsill ma jaqbilx li jsir bank fi Triq Feliċ Borg peress li diġa hemm tnejn* ***"~~ftit 'l isfel mill-post mitlub~~" "fi Triq ir-Rummien"****."*
***Emendata Laqgħa 8***

7.7.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet b'erba' voti favur u tnejn kontra.

7.7.8 Rigward l-ingombru li hemm fi Triq Mudest Sapiano u l-paviment li għad irid jiġi rranġat fi Triq Sliema mill-Korporazzjoni ta' l-*Enemalta*, il-Kunsill kien infurmat li kien għarraf lil l-istess korporazzjoni dwar dan.

7.7.9 Rigward vann ipparkjat b'riklam fi Triq J. F. Marks, il-Kunsill kien infurmat li l-Pulizija nformat lil Kunsill li dan ma kien qed jikser l-ebda liġi.

7.7.10 Rigward karru fi Triq ir-Russet, il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-avviż ta' tneħħija u l-eventwali tneħħija tiegħu

7.7.11 Rigward materjal ta' kostruzzjoni li qed jiġi mitfuħ fi Triq Wied il-Għollieqa, il-Kunsill kien infurmat li l-kuntrattur responsabbli kien avviċinat mill-ġdid.

7.7.12 Il-Kunsill kien infurmat li waqt laqgħa li saret min-*Network Infrastracture Directorate*, iċ-*Chairperson* ta' dan id-direttorat wiegħed li se jiltaqa' mal-Kunsill sabiex jiġu diskussi t-talbiet pendenti, kif ukoll l-*Enforcement Notice* ta' Triq il-Pellikan.

7.7.13 Rigward tabella li saret mir-residenti fi Triq il-Kokka bil-kliem "*No Entry strictly residents cars only*", u tabella oħra li saret fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini, il-Kunsill qabel li jsir rapport lil Pulizija sabiex dawn jitneħħew.

7.7.14 Dwar tabella bil-kliem "*freeze*" minflok "*stop*" fi Triq id-Durrajsa, il-Kunsill kien avżat li din ser tinbidel dalwaqt.

7.7.15 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ressaq din il-mozzjoni:

7.7.16 *"Il-Kunsill japprova r-rapporti tal-Contracts' Manager li jkopru l-perjodu ta' bejn is-26 t'Ottubru, 2009 u l-15 ta' Novembru, 2009."*

7.7.17 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

**7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

7.8.1 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

7.8.2 *"Il-Kunsill jaqbel li tinġieb stima għal bdil ta' tabelli tat-traffiku f'diversi toroq."*

7.8.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

7.8.4 Rigward talba biex jinbtagħat gwardjan lokali fi Triq Antonio Schembri fejn *Chiswick House School*, il-Kunsill kien infurmat li dan irid isir bi ħlas.

7.8.5 F’dan l-istadju l-Kunsill kien imfakkar bil-laqgħa li kienet saret mill-ħames Kunsill mar-residenti u ma’ rappreżentanti ta’ l-iskola.

7.8.6 Kien imfakkar ukoll fit-talba li saret ma’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport rigward sistema tat-traffiku, liema talba għadha pendenti.

7.8.7 Rigward bankina maħruġa ‘l barra fi Triq il-Freżja b’konsegwenza li qed iżżomm l-ilma, il-Kunsill iddeċieda sabiex din tiġi rranġata mill-ħaddiema a’ l-*IPSL*.

7.8.8 Dwar kaptelli tad-drenaġġ imkissrin fi Triq George Tayar, il-Kunsill ġie nfurmat li ma kienux kompetenza tal-Kunsill li jagħmel tiswija tagħhom.

7.8.9 Rigward bżonn ta’ manutenzjoni tal-ħadid li hemm mad-dawra tal-palma li fi Triq George Tayar, il-Kunsill qabel li dawn jiġu msewwija.

7.8.10 Rigward in-*noticeboard* ta’ ħdejn il-mitħna ta’ taħt l-art, il-Kunsill qabel li jkollha informazzjoni rigward il-mitħna.

7.8.11 Rigward bankina fi Triq J. F. Marks li qed iżżomm l-ilma tax-xita, il-Kunsill qabel li tali xogħol ikun jista’ jsir biss meta ssir it-triq mill-ġdid peress li parti mit-tarmakk sfronda.

7.8.12 Dwar il-bandiera tal-lokalita’ li nsterqet minn Misraħ Lourdes, il-Kunsill kien infurmat li għadu qed jistenna risposta dwar stima li kien talab, kif ukoll li jsir bdil fid-direzzjoni li tħares in-*noticeboard* ta’ l-istess misraħ.

7.8.13 Kien hemm qbil li ssir spezzjoni fi Triq Massabielle fir-rispett ta’ manutenzjoni ta’ bankina.

7.8.14 Il-Kunsill qabel li tinġabar nformazzjoni dwar żoni li hemm bżonn li jitwaħħlu *litterbins*, sabiex tinħareġ sejħa għall- kwotazzjonijiet.

7.8.15 Rigward bankini fi Triq in-Naxxar il-Kunsill qabel li tintbagħat għall-attenzjoni ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport għal manutenzjoni.

7.8.16 Rigward kaptelli mkissrin tal-*Go* fi Triq il-Pellikan, il-Kunsill qabel li jsir rapport ma’ l-entita’ kkonċernata.

7.8.17 Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet dwar l-inizjattiva fir-rigward ta’ testijiet lill-anzjani tal-*glucose* u tal-pressjoni għal spiża ta’ €48 fix-xahar.

7.8.18 It-talba minn Skola Primarja B għar-*registration fee* tal-*EkoSkola Programme Scholastic Year 2009-10*, li tammonta €12, kienet

approvata wara li kien ikkunsidrat li ingħata l-istess ammont lil Skola Primarja A.

7.8.19 Il-Kunsill kien infurmat bit-talba mingħand l-għaqda Wirja mis-Sentenza sal-Qawmien sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-mitħna ta' taħt l-art biex jippreparaw għall-esibizzjoni oħra għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

7.8.20 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

7.8.21 *"Il-Kunsill japprova l-ispejjeż li sar fid-dawl tal-mitħna ta' taħt l-art għall-ammont ta' €76, kif ukoll li jsir użu mill-Mitħna għall-wirja tal-2010."*

7.8.22 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

**7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

7.9.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskedi tal-pagamenti numru 11 u 12 li kopja tagħhom hi anessa ma' dan il-Minuti bħala dokumenti "7Ġ" u "7Ħ".

7.9.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

7.9.3 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi tal-pagamenti numru 11 u 12 kif imressqa."*

7.9.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

7.9.5 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra il-pagamenti tal-kuntratturi ġenerali tax-xahar ta' Novembru, 2009, liema pagamenti ma kinux inkluzi fl-iskedi.

7.9.6 Il-Kunsillier David Dalli ressaq din il-mozzjoni:

7.9.7 *"Il-Kunsill japprova l-pagamenti tal-kuntratturi ġenerali tax-xahar ta' Novembru, 2009."*

7.9.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

7.9.9 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fl-10.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **18 ta' Jannar 2010**

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |